# KUNSILL LOKALI XAGĦRA

Inseddqu l-Imgħoddi B'Ġejjieni Għammieli

Vjal it-Tmienja ta' Settembru, Xagħra, XRA 9021, Għawdex, Malta.
Tel: (+356) 2156 3737 / (+356) 2156 5001 • Fax: (+356) 2155 6855
E-mail: xaghra.lc@gov.mt • Website: www.xaghra.com


KUNSILL LOKALI XAGHRA

## Vakanza ta' l-Impjieg – Assistent Principal fuq bażi full-time fi Skala 11

*Jobsplus Permit Number 104/2025*

Il-Kunsill Lokali Xaghra għandu vakanza għall-Assistent Principal fuq bażi full-time fi Skala 11. L-applikanti prospettivi jridu jkunu eliġibbli f'waħda minn dawn il-kategoriji li ġejjin:-

(a) fil-pussess ta' kwalifika rikonoxxuta f'Livell 5 tal-MQF jew ogħla (soġġetta għal minimu ta' 60 krettu ECTS/ECVET jew ekwivalenti) f'xi wieħed minn dawn is-suġġetti: Public Policy, Management, Business jew Office Administration, Riżorsi Umani, Taħriġ u Żvilupp, Finanzi, Accounts, Ekonomija, Amministrazzjoni Pubblika, Business Studies, Politika Soċjali, Relazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea u Internazzjonali, Teknoloġija tal-Informatika u ICT, Environmental Studies u studji relatati mal-Immaniġġjar tal-Agrikoltura/Manniġġjar tal-Enerġija, Statistika, Built Environment, Project Management, Quality Management, Komunikazzjoni, Soċjoloġija, Procurement, Studji Segretarjali jew suġġetti oħra f'oqsma ta' studju relatat;

(b) fil-pussess ta' żewġ (2) kwalifiki ta' 'A' Level f'Livell 4 tal-MQF (fi Grad 1-5, Grad C jew livell komparabbli) f'suġġetti relatati;

Fil-każijiet (a) u (b) imsemmija hawn fuq, l-applikanti għandhom ikunu wkoll fil-pussess ta': (i) kwalifika li turi li għaddew (tal-inqas fi Grad 1-5,Grad C jew livell komparabbli) f'livell 3 tal-MQF fil-Malti, l-Ingliż, il-Matematika u IT Office Application Skills, sakemm dawn issuġġetti mhumiex inklużi bħala taqsimiet ta' studju separati fil-kors ta' studji u, jew suġġetti ta' 'A' Level segwiti f'Livell 4 tal-MQF; jew (ii) kwalifika vokazzjonali f'Livell 3 tal-MQF, jew il-kwalifika ta' Ċertifikat u Profil tal-Iskola Sekondarja f'Livell 3 tal-MQF fil-Malti, l-Ingliż, il-Matematika u IT Office Application Skills bħala taqsimiet ta' studju separati fil-kors segwit sakemm dawn is-suġġetti mhumiex inklużi bħala taqsimiet ta' studju separati fil-kors ta'studji u, jew suġġetti ta' 'A' Level segwiti f'Livell 4 tal-MQF; jew

(ċ) tliet (3) snin esperjenza fis-Servizz Pubbliku ta' Malta fil-grad ta' Uffiċjal Eżekuttiv fi skala ta' salarju 13 li l-ħatra tagħhom kienet ikkonfermata; jew

(d) sentejn (2) esperjenza fil-grad ta' Uffiċjal Eżekuttiv (Skala 13) ma' Kunsill Lokali, u soġġett għal performance sodisfaċenti u għal kwalifiki minimi ta' Skala 13.

# KUNSILL LOKALI XAGĦRA

Inseddqu l-Imgħoddi B'Ġejjieni Għammieli

Vjal it-Tmienja ta' Settembru, Xagħra, XRA 9021, Għawdex, Malta.
Tel: (+356) 2156 3737 / (+356) 2156 5001 • Fax: (+356) 2155 6855
E-mail: xaghra.lc@gov.mt • Website: www.xaghra.com


L-applikanti li jissodisfaw dawn ir-rekwiziti u li jixtiequ japplikaw għal din il-vakanza, għandhom jibgħatu CV flimkien mal-kopja tac-certifikati rilevanti. L-applikazzjonijiet għandhom jaslu għand l-Ufficju tal-Kunsill Lokali Xagħra indirizzati lis-Segretarju Ezekuttiv, Kunsill Lokali Xagħra sa mhux aktar tard minn nhar it-Tnejn, 24 ta' Frar 2025 f'nofsinhar.